# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 39

Data tal-laqgħa: 19 ta' Ġunju, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 19 ta' Ġunju 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Mark Azzopardi |
| Skużati | Carl Grech |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Josmar Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba.

**39/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**39/01/01** Is-Sindku qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li Sur Grech għandu jiġi skużat.

**39/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 38**

**39/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**39/02/02** **Para 38/02/02:** Fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza qed nistennew minn TM.

**39/02/03** **Para 38/02/03:** Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija. Għandna nirċievu risposta dalwaqt. Is-Sur Mark Azzopardi qal li jekk ikun hemm bżonn nitolbu laqgħa mal-Ministru E. Bartolo. Minn informazzjoni li rċevejna jidher li s-sular li nbena fuq l-iskola primarja mhux ser jintuża mit-tfal tar-raħal imma ser ikun *induction hub* għall-immigranti.

39/02/04 **Para 38/02/04:** Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li l-proġett tal-ATM tlesta. L-ATM qeda taħdem u r-residenti Għargħurin kuntenti ħafna b'dan is-servizz.

39/02/05 **Para 38/02/05:** Ic-*culvert* li għandu jsir fi Triq San Nikola mid-Direttorat tat-toroq għadu pendenti.

39/02/06 **Para 38/02/06:** Is-Sindku spjega li fil-granet li ġejjin għandna nagħmlu kuntatt ma' Sports Malta.

39/02/07 **Para 38/02/08:** Fuq il-pilantri, is-Sindku spjega li xogħol għadu pendenti.

39/02/08 **Para 38/02/09:** Il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti rigward l-immaniġġjar ta' traffiku għadha pendenti.

39/02/09 **Para 38/02/10:** Fuq ir-*Revised Street Light Program,* it-tender għadu ma ġiex aġġudikat.

39/02/10 **Para 38/02/13:** Fuq it-talba li għamel resident li joqgħod fi Triq Ferdinand li jixtieq bordura man-naħa t'isfel tal-faċċata. Il-Kunsill bagħat ittra-e lil TM.

39/02/11 **Para 38/02/16:** Fuq iż-żewġ fanali li jridu jitneħħew minn mal-knisja, wieħed minnhom diġà sibnilu post. Filwaqt li l-fanal l-ieħor ser naraw jistax jeħel mal-faccata tal-Kazin PN.

39/02/12 **Para 38/02/19:** Il-fuljett tal-Kunsill kważi lest.

39/02/13 **Para 38/02/20:** Ic-CCTVs twaħħlu u qed jaħdmu.

39/02/14 **Para 38/02/22:** Il-ħadid li kellu jagħmel Muzzan Blacksmith fi Ġnien il-Paċi sar.

39/02/15 **Para 38/02/23:** Il-kaxxa quddiem garaxx No 73, fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu saret.

39/02/16 **Para 38/02/24:** Suġġeriment ta' Sa Anna Mizzi li ssir mera fi Triq il-Ġnien, il-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba peress li hemmhekk mhix ser tkun effettiva.

39/02/17 **Para 38/02/25:** Is-*shade* għal bozza fi Triq l-Indipendenza saret.

39/02/18 **Para 38/02/28:** It-tabelli li ġew approvati saru kollha.

39/02/19 **Para 38/03/02:** Eżatt qabel ma bdiet il-laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżentaw tifkira lis-Sur Bertu Pullicino għas-servizz li ta matul dawn l-aħħar 37 sena waqt l-attivita' ta' Tberik tal-Annimali.

39/02/20 **Para 38/03/04:** Is-Sindku kellem lil Perit tal-Kunsill fuq l-idea li jsir *outdoor gym* fi Ġnien il-Paċi u l-Perit issuġġerixxa li ma jsirux fuq il-ġibjun iżda jew bejn il-ġibjun u l-kmamar jew quddiem il-kmamar. Il-Kunsill qabel li jagħmel madwar 4 biċċiet quddiem il-kmamar.

39/02/21 **Para 38/03/05:** Is-Sindku spjega li TM tawna l-permess li jsiru t-*traffic lights* fi Triq il-

Ġnien u għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti.

**39/02/22** **Para 38/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra-e lil MEPA fuq PA/02966/17.

**39/02/23** **Para 38/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħa titlob lil ARMS jibagħtulna l-kont tas-*Searchlight Battery.*

**39/02/24** **Para 38/05/42:** Il-bozza l-ġdida mal-faċċata ta' Dcourt fi Triq Caravaggio saret.

**39/02/25** **Para 38/05/43:** Is-*shade* ma' bozza fi Triq Fra D. Mifsud saret.

**39/02/26** **Para 38/05/44:** It-tabella bi vleġġa fi Triq in-Naxxar lesta.

**39/02/27** **Para 38/05/45:** It-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fenech saru kollha.

**39/02/28** **Para 38/05/46:** It-tabelli saru kollha.

**39/02/29** **Para 38/05/47:** It-3 tabelli li juru li għandek tiġbor il-ħmieġ tal-kelb inxtraw.

**39/02/30** **Para 38/05/48:** Il-*printer* tal-kulur bl-*scanner* inxtara.

**39/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**39/03/01** Is-Sindku qal li t-Torri tas-Semaforu jista' jintuża sabiex isiru esibizzjonijiet fosthom tal-fotografija. Għaldaqstant l-ewwel għandna niksbu permess mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet ħalli mbagħad inkunu nistgħu noħorġu sejħa sabiex jinkera dan il-post. Is-Sur Christopher Fenech qal li fil-kuntratt għandna nagħmlu kondizzjoni li darba fis-sena jtellgħu wirja.

**39/03/02** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq suġġeriment li tittranġa l-bankina ta' ħdejn l-ATM sabiex issir parking bay. Kien hemm qbil unanimu.

**39/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**39/04/01** Ma kienx hemm.

**39/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**39/05/01** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 13/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Community Innovation Fund.

**39/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Svetlana Curmi rigward l-istqarrija tal-Bord ta' Gvernanza Lokali. Il-Kunsill qabel li jinforma lid-Dipartiment li hu kien bgħat il-*Performance Appraisal Report* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2014.

**39/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**39/05/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Anna Mizzi rigward it-talba tagħha għal mera fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax jekk issir hemmhekk mhux ħa tkun

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

effettiva.

**39/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Roderick Caruana mill-MTI fuq il-Ġiebja fil-Għargħur. Il-Gvern ser jaghmel xoghol ta' manutenzjoni.

**39/05/06** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 14/2017 – Ittra ta' Riżenja minn ħatra ta' Kunsillier.

**39/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-AKL rigward il-pagament ta' distribuzzjoni allokat lir-Reġjun Tramuntana bi qbil mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-ammont hu ta' €54,111.35.

**39/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**39/05/09** Ġiet innutata stqarrija maħruġa mit-TM fejn infurmawna li applikaw sabiex jiksbu fondi Ewropej għall-asfaltar ta' toroq rurali. Fost it-toroq insibu Sqaq l-Mnieqa, Għargħur.

**39/05/10** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 16/2017 – L-Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja (l-FSI).

**39/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**39/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**39/05/13** Il-Kunsill irċieva *Planning Control Application Form* fejn qed jitolbu li fi Sqaq il-Ħofra jneħħu passaġġ u jkabbru l-*front garden* minn 1.5 għal 3m. Il-Kunsill unanimament qabel li joġġezzjona peress li dik art pubblika.

**39/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-Comfort Stairs.

**39/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEUSAC rigward Fondi Ewropej: Miżura 4.4.

**39/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA u SE qrat l-ittri-e kollha relatati mal-applikazzjoni PA/02721/13 *Proposed extension to existing fireworks factory,* Wied id-Dis, Triq ix-Xgħajrat, Għargħur. Is-Sindku Ġiljan Aquilina ddikjara kunflitt ta' interess peress li s-Sur Isaac Aquilina li qed jirrappreżenta l-Għaqda tan-Nar San Bartilmew jiġi Ziju tiegħu. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.00 ta' filgħaxija peress li residenti riedu jitkellem mal-Kunsill u għalhekk is-Sindku waqqaf il-laqgħa. Il-laqgħa tkompliet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż unanimament li l-Kunsill Lokali ser iqabbad lill-Perit tal-Kunsill sabiex jara jekk l-permess li ħareg huwiex konformi mal-liġi. Jekk dan hu konformi l-Kunsill mhux ħa joġġezjona.

**39/05/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA fuq PA/01616/17 (Ta' Birnu, Triq il-Ġnien).

**39/05/18** Il-Kunsill irċieva ittra-e li ħa ssir laqgħa nhar it-22 ta' Ġunju, 2017 rigward PA 3592/16.

**39/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA fuq PA/03336/17 (Proposed reinstatement of existing garden and proposed resurfacing part of Triq l-Għaxqet l-Għajn.

**39/05/20** Fuq l-ilment ta' Sa. Ruth Psaila li qed tgħid li Triq Dun Karm Vella qed ixxeqleb u b'hekk il-ħmieġ qed jinġema' quddiem id-dar tagħha – Il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn

fuqha.

**39/05/21** Fuq is-suġġeriment ta' Sa. Paulina Aquilina li jsiru lezzjonijiet tal-Pilates – Il-Kunsill qabel li l-ewwel issir laqgħa mal-*instructor.*

**39/05/22** Fuq it-talba ta' Sur Bertu Micallef sabiex isiru kaxxi bojod fi Triq E. Perren – Unanimament ma kienx hemm qbil.

**39/05/23** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christian Camilleri li jsiru 2 *sleeping police* fi Triq il-Gnien – Dawn ma ġewx approvati.

**39/05/24** Fuq it-talba li Triq San Nikola issir *one way* u jsiru *parking bays* fin-niżla – Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**39/05/25** Is-Sindku ressaq li tinxtara tabella li turi li jistgħu jaqgħu l-ġebel għal Triq San Brinkat. Kien hemm qbil unanimu.

**39/05/26** Is-Sur Giljan Aquilina ressaq li jsir *culvert* fi Sqaq Warda. Kien hemm qbil unanimu sakemm ikun hemm il-permess tar-resident li quddiemu ser isir il-culvert.

**39/05/27** Is-Sindku ressaq li ssir bozza ġdida fi Sqaq il-ħofra. Din ġiet approvata bil-kundizzjoni li l-Kunsill iħallas biss għas-spejjeż tal-bozza u mhux ukoll tal-cable tad-dawl.

**39/05/28** Is-Sur Giljan Aquilina ressaq li jsiru *double yellow lines* ħdejn 20, fi Triq K. Zarb. Kien hemm qbil unanimu.

**39/05/29** Tressqet proposta li jinxtara b' €1000 nar għal waqt l-attivitajiet tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu. Għandhom isiru permessi u *insurance* kif tindika il-liġi mill-Għaqda tan-Nar.

**39/05/30** Is-Sur Aquilina ressaq li ssir tabella ta' *Do Not Obstruct* fi Triq San Ġwann**.** Din ġiet approvata.

**39/05/31** Is-Sindku ressaq li ssir tabella bl-isem ta' Triq Stiefnu Zerafa. Din ġiet approvata.

**39/05/32** Is-Sur Giljan Aquilina ressaq li ssir tabella bl-isem ta' Sqaq tax-Xaqquf. Kien hemm qbil unanimu.

**39/05/33** Is-Sur Aquilina ressaq li jsiru 3 toqbiet fi Triq Għaxqet l-Għajn. Kien hemm qbil unanimu.

**39/05/34** Is-Sur Christopher Fenech spjega li għal attività tal-Ħuġġieġa l-Kunsill ħa jaħdem mal-Għaqdiet tar-raħal. Ħu qal li ser ikun hemm purċissjoni, kant u daqq. Kien hemm qbil unanimu.

**39/05/35** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex fi Ġnien il-Paċi jsiru *gates* bil-firrol. Dawn ġew approvati. Barra minn hekk issuġġerixxa li jsiru gates tal-injam fejn hemm it-taraġ. Il-Kunsill qabel li nġibu stima.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**39/05/36** Is-Sur Mark Azzopardi tkellem dwar l-attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Għargħur. Ħa jieħdu sehem il-Greenfields, Deborah C, Joseph, Brooke, Laurence Gray u żfin f'idejn Amanda Amaira. Kien hemm qbil unanimu.

**39/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**39/06/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Qasam Soċjali.

**39/07 Risposta għall-*Management Letter***

**39/07/01** Ir-risposta għall-*Management Letter* ġiet approvata unanimament u s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmawha.

**39/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**39/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**39/09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**39/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju 2017 fis-6:00pm.

*(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

*(firmati)*

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**